# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 17 ta' Settembru, 2015

**Talba Nru:** 493/15 DMA

**Smart Technologies Limited**
**(C 43711)**

**Vs**

**Employment and Training Corporation**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Gunju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' elfejn, disa' mija u disgha u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€2,959.44) ammont dovut rapprezentanti prezz ta' kirjiet ta' apparat u servizzi ohra rezi lis-socjeta' intimata fuq ordni taghha stess liema servizzi saru matul ix-xahar ta' Marzu 2014 (invoice bin-numru 009110 hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok STL 1').

Illi s-socjeta intimata giet interpellata diversi drabi ghal hlas ta' dan l-ammont, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata it-tnax (12) ta' Dicembru tal-2014 (ittra hawn

annessa u mmarkata bhala 'Dok STJ 2'), madanakollu, il-hlas dovut baqa' ma sarx u ghadu dovut.

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex,

1. Jiddeciedi u jiddikjara lis-socjeta' intimata bhala debitrici tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' elfejn, disa' mija u disgha u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€2,959.44) jew somma verjuri li tista' tigi deciza,

2. Jordna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti l-ammont imsemmi ta' elfejn, disa' mija u disgha u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€2,959.44), jew somma verjuri li tista' tigi deciza.

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji nkorsi mis-socjeta' rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura sal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Korporazzjoni konvenuta pprezentat nota ta' ammisjoni wara li xehdet Joanne Gauci li spjegta it-talba tas-socjeta' attrici.

In vista ta' dan it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lil Korporazzjoni tal-Employment u Training sabiex jhallas l-ammont ta' elfejn, disa' mija u disgha u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€2,959.44) lis-socjeta' attrici.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-korporazzjoni Employment and Training.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**